MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 265/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-1 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici AZahra izzewget lill-konvenut B fil-hdax ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok MC1;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat minhabba li l-konvenut izzewweg sabiex jitlaq mid-dar peress li l-genituri tieghu kienu separati u kien iddejjaq joqghod id-dar ma' ommu peress li l-boyfriend taghha kien ikun dejjem id-dar;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitaha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt tal-att taz-zwieg u dan meta kien ghamilha cara lill-attrici li huwa ma riedx tfal sakemm hija tibqa' tahdem;

Illi l-attrici sa minn qabel iz-zwieg qatt ma kienet lesta li thalli x-xoghol;

Illi l-attrici innifisha zzewget lill-konvenut mhux ghax kienet thobbu izda ghax thassritu meta huwa kien jghaggilha u jgenninha u anke jheddida biex ma titilqux u kien ghalhekk li zzewgitu tant li fil-gurnata taz-zwieg meta kienet fil-karozza tal-gharusa ma' missierha sejra biex tizzewweg qalet lill-missierha li ma tridx tizzewweg izda missierha qallha sabiex ma taghmilx hekk minhabba li tinkwieta lill-ommha;

Illi l-konvenut kien aktar mohhu fil-gym milli fix-xoghol tant li spicca bla xoghol u maz-zwieg beda u ghad ghandu relazzjoni ta' mara ohra;

Illi l-konvenut kien dyslexic u kien jaf li hu dyslexic izda ma kien qal xejn b'dan lill-attrici tant li kieku kienet taf, hija ma kinetx tizzewgu minhabba differenza kbira fil-mentalita' u fl-edukazzjoni tenut kont tal-fatt li xoghol l-attrici huwa ta'

awditur filwaqt li l-konvenut ma jahdimx u ma ghandux livell ta' edukazzjoni;

Li l-partijiet qatt ma ppreparaw ruhhom ghaz-zwieg u ftit li xejn kellhom hin ghal xulxin waqt l-gherusija stante li l-attrici kien dejjem l-ewwel l-istudji universitarji taghha l-ewwel filwaqt li ghall-konvenut kienet il-familja gdida li sab ghand il-genituri tal-attrici fejn kien iqatta l-hin kollu tieghu;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-11 ta' Lulju 2003 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fis-17 ta' Novembru, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

Illi l-konvenut jaqbel illi hemm lok ghall-annullament taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar il-11 ta' Lulju 2003, pero' mhux biss ghar-ragunijiet imsemmija mill-attrici fil-gurament taghha;

Illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi stante illi l-attrici resqet ghaz-zwieg bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghaz-zwieg u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-attrici illi taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-ispejjez tal-proceduri ghandhom jithallsu mill-attrici stante illi kien il-kunsens taghha li kien vizzjat fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici, u ta' hdax il-presuna ohra.

Rat l-affidavits tal-konvenut, u ta' erbgha persuni ohra

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-11 ta' Lulju, 2003 a bazi tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut qabel ma' dan izda jghid li z-zwieg huwa null ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici izda finalment fl-ahhar verbal il-partijiet qablu li z-zwieg hu null ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Kif pero' irritenew il-Qrati Maltin "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi*

*kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Ir-ragunijiet indikat mill-attrici jirrigwardjaw dawn s-sub-incizi tal-ligi in kwistjoni u cioe;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi voluminuzi imressqa mill-partijiet jidher li dan kien kaz ta' zwieg kif jinghad bl-ingliz bejn tnejn minn nies, *ill matched.* Apparti li hemm differenza fuq livell edukattiv jidher li l-konvenut huwa bniedem mohhu fil-fiziku tieghu. Jidher li l-konvenut ried jizzewweg biex jahrab mill-problemi li kellu d-dar u l-attrici stess qabel izzewget kien ser jerga' jibdielha izda missierha pperswadiha tibqa' ghaddejja biz-zwieg.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti*

*ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*.. is-sub-inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li z-zwieg ikun null jekk ikun affetwat b'anomalija psikologika serja u taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wiehed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

Kif qalet ukoll il-Qorti fil-kawza <u>Nicholas Agius vs Rita Agius </u>(25 ta' Mejju, 1995) "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.*" F'dan is-sens gew decizi ukoll il-kawzi <u>Angela Spiteri vs Joseph Spiteri</u> (4 ta' Novembru, 1994), <u>Robert Attard vs Josephine Attard</u> (18 ta' Ottubru, 1995) u <u>Janet Portelli vs Victor Portelli</u> (14 ta' Awwissu, 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Mario Mizzi vs Maris Mizzi</u> (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li *biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomlaija psikologika fi-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta' tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*

Il-Qorti wara li hasbet fit-tul thoss illi f'dan il-kaz il-partijiet gew imbuttati jizzewgu fic-cirkostanzi li nsabu fihom ghaliex kieku hasbu sew zgur li ma kinux jiehdu pass

daqshekk serju u l-fatt li z-zwieg tfarrak daqshekk malajr huwa indikazzjoni li z-zwieg qatt ma messu sehh ghaliex kien hemm in-nuqqas serju ta' diskrezzjoni rikjest mill-ligi miz-zewg partijiet .

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Lulju, 2003. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------